# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

## Illum 31 ta' Jannar 2018

Rikors Guramentat Nru. 201 / 13RGM

Kawza fil-lista: 3

**A B f'isimha proprio**
**u f'isem bintha minuri C**
**vs**
**D EF u permezz tad-digriet datat 11 ta' Jannar 2016 id-Direttur tar-Registru Pubbliku gie kjamat in kawza**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentatipprezentat mill-attrici fis-27 ta' Settembru 2013 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi fis-6 ta' Awwissu tas-sena 2000, l-attrici welldet tifla minuri bl-isem ta' C u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid li jgib in-numru ta' iskrizzjoni 2893/2000.

2. Illi mill-att tat-twelid tal-minuri jirrizulta illi meta l-attrici A B irregistrat lil bintha, hija rregistrat lil bintha fuq missier li sa dak in-nhar ma kienx maghruf.

3. Illi l-attrici taf illi missier il-minuri C huwa l-konvenut D EF.

4. Illi fl-ewwel sitt xhur tat-twelid tat-tarbija, il-konvenut kien jara lil bintu Samatha. Kien wara dan il-perjodu li l-konvenut abbanduna lil bintu.

5. Illi l-attrici tixtieq li tigi stabbilita l-paternita' ta' bintha wkoll permezz ta' fatti bhal testijiet genetici.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghar-ragunijiet premessi ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvedimenti opportuni:

1. Tiddikjara illi l-konvenut D EF huwa l-missier naturali tal-minuri C.

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjoni opportuna fic-certifikat tat-twelid tal-minuri Samatha (Att numru 2893/2000) billi fil-kolonna intestata 'isem u kunjom missier it-tarbija', jigi jaqra <u>D EF</u>; u tordna wkoll illi l-partikolaritajiet relattivi ghad-dokument ta' l-identita', ghall-eta', ghall-post tat-twelid u ta' residenza, u ghall-isem u kunjom il-missier jekk hux haj jew mejjet, in kwantu jirreferu ghal missier il-minuri, jigu indikati konsegwentement billi jigu indikati dawk il-partikolaritajiet u cioe' taht il-kolonna 'id-dokument ta' l-identita' jigi jaqra <u>13825 (A)</u>; taht il-kolonna 'eta' jigi jaqra <u>23</u>; taht il-kolonna 'twieled' jigi jaqra <u>Keighley, Renju Unit</u>; taht il-kolonna 'joqghod' jigi jaqra <u>Mellieha Malta</u>; u taht il-kolonna 'isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet' jigi jaqra <u>Lino (haj).</u>

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li jibqghu ingunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat r-riferta tal-Marixxal tad-29 ta' Jannar 2014, Fol 17 'a tergo' li minnha jirrizulta li l-konvenut gie notifikat bl-affissjoni u l-pubblikazzjoni;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2014 fejn b'nota l-attrici ghazlet li kunjom bintha ikun 'F B' u gie nominat l-Avukat Dottor Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju;

Rat x-xhieda tal-attrici li xehdet fis-seduta tat-18 ta' Gunju 2014 u fis-seduta tal-4 ta' Lulju 2014, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat n-nota tal-Kummissarju tal-Pulizija tat-30 ta' Gunju 2014;

Rat ix-xhieda ta' Anita F, omm il-konvenut li xehdet fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2015 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tat-28 ta' April 2015, fejn il-konvenut gie dikjarat li kien kontumaci;

Rat d-digriet ta' din il-Qorti tal-11 ta' Jannar 2016 fejn gie kjamat in kawza d-Direttur tar-Registru Pubbliku;

Fir-risposta guramentata tieghu, l-istess Direttur tar-Registru Pubbliku,[1] eccepixxa preliminarjament, li mill-atti li gew lilu notifikati ma irrizultax li kien hemm l-awtorizazzjoni mehtiega ghan-nomina ta' kuraturi biex jirrapprezentaw l-interessi tal-minuri C skont d-disposizzjonijiet tal-artikoli 782 u 783 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta; li fil-mertu, ma kienx edott mill-fatti u ghalhekk irrimmetta ruhu ghar-rizultanzi processwali ghalkemm talab li l-Qorti tistieden lill-partijiet koncernati jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta; li fil-kaz li jigu milqugha t-talbiet tar-rikorrenti, l-konvenut D EF jigi mistieden biex jindika d-dettalji personali tieghu kollha, liema informazzjoni hi mehtiega biex tigi inserita fl-Att tat-Twelied tal-minuri C; li l-partijiet ghandhom jiddecidu b'mod definittiv liema kunjom ghandha tassumi l-minuri C  a tenur tal-artikolu 92(6) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u finalment billi l-azzjoni tal-attrici mhiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas da parti tieghu, m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza.

Rat x-xhieda ta' Anthony Bonnici, ghal Go plc, ta' Emily Abela ghal Melita plc, ta' Shaun Meli ghad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, ta' Savio Borg ghall-Kummissjoni Elettorali, ta' Joseph B ghall-Banif Bank, ta' Joanna Bartolo ghall-Bank of Valletta plc, ta' Audrey Ghigo ghall-HSBC Bank Malta plc, u Joseph Saliba ghall-Employment and Training Corporation li xehdu fis-seduta tal-11 ta' Frar 2016 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat x-xhieda ta' Ivan Cilia, ghad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali li xehed fis-seduta tal-14 ta' April 2016;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku pprezentata fis-16 ta' Mejju 2016;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-31 ta' Awwissu 2016 fejn giet milqugha t-talba tal-attrici biex tigi nominata kuratrici 'ad litem' ta' bintha C;

---

[1] Fol 119.

Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2016 li permezz tieghu giet nominata Dottor Marisa Cassar sabiex tikkonduci t-testijiet xjentifici fuq l-attrici ,fuq il-konvenut D EHagerty u fuq il-minuri C mwielda fis-6 ta' Awwissu 2000;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tas-26 ta' Jannar 2017 fejn il-konvenut gie ordnat jattendi fil-klinika ta' Dottor Marisa Cassar biex jigu prelevati l-kampjuni ghall-finijiet tad-DNA u f'kaz li jonqos li jattendi jigi akkumpanjat ghal dan il-fini mill-marixxal tal-Qorti u jekk hemm bzonn bl-assistenza tal-Pulizija;

Rat x-xhieda ta' Josephs Rivans, impjegat mal-Identity Malta li xehed fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2017;

Rat d-digriet moghti fid-9 ta' Marzu 2017 fejn il-Qorti ordnat il-hrug ta' mandat ta' akkumpanjament kontra l-konvenut D EHagerty sabiex jigi akkumpanjat mill-marixxal sal-klinika ta' Dottor Marisa Cassar;

Rat x-xhieda ta' Joseph Saliba, ghal Jobsplus,li xehed fis-seduta tad-29 ta' Marzu 2017 u fis-seduta tal-5 ta' April 2017;

Rat x-xhieda ta' Joseph Chircop, il-Marixxal Ivan Spiteri Bianchi, il-Marixxal Charles Buttigieg u James Mallia ghal Carin Construction Limited li xehdu fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2017;

Rat l-affidavit u r-rapport ta' Dottor Marisa Cassar mahluf fl-1 ta' Settembru 2017 li kkonfermat li l-konvenut D EHagerty hu l-missier naturali ta' C B;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tat-12 ta' Ottubru 2017 meta il-Qorti halliet il-kawza ghallum ghas-sentenza;

Rat n-nota tal-attrici pprezentata fis-7 ta' Dicembru 2017 fejn iddikjarat li wara li sar t-test xjentifiku tad-DNA hi tixtieq li l-minuri tigi registrata bil-kunjom 'F B' billi l-minuri ghandha 17-il sena.

**IL-PROVI.**

L-**attrici, A B,** xehdet fis-seduta tat-18 ta' Gunju 2014, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.[2] Hi ddikjarat li l-konvenut D EHagerty hu ta' nazzjonalita' Ingliza, u hi ltaqghet mieghu l-ewwel darba f'Malta Fis-sena 1999. Iltaqghu f'diskoteka, damu johorgu flimkien xi xahar u nofs, u l-ewwel darba li kellha x'taqsam mieghu harget tqila. Hi kienet marret tfittex lill-konvenut ghand missieru billi kien jghix mieghu gewwa l-Mellieha. Meta rnexxhielha tkellem lill-konvenut dan kien qalilha "I do not want to know. It's your business". Ried jaghtiha xi flus biex tmur l-Ingilterra taghmel abort u hi rrifjutat. L-attrici tinsisti li dak iz-zmien li giet koncepita C, hi mal-konvenut D EHagerty biss kellha relazzjonijiet intimi u ma hadd izjed. Kien jghidilha li jmur maghha l-Isptar ghall-vizti izda fil-fatt qatt ma mar maghha. Kien qalilha biex meta tkun waslet biex twelled iccempillu. Hi cemplitlu u hallietlu l-messaggi pero' kienu ohtha u habiba taghha li sabuh l-Mellieha u l-ghada mar l-isptar jara lit-tifla. Kienu jiltaqghu fil-pubbliku f'Tas-Sliema biex turih it-tifla. Il-konvenut attenda ghall-maghmudija tat-tifla. L-attrici tghid li meta kienu jiltaqghu kien jinsultha u jghajjarha u meta darba mar fis-sakra qaltlu li f'dak l-istat ma kinitx disposta turih it-tifla. Fl-ewwel sitt xhur kien gieli jmur jara lit-tifla ghand omm l-attrici pero' wara sitt xhur l-attrici tghid li sparixxa minn hajjithom. Il-konvenut qatt ma hallas mateniment ghat-tifla u wara sitt xhur ma kien hemm l-ebda kuntatt bejnu u t-tifla.

Xehdet li f'Dicembru 2013 kien mar jara lill-attrici Mark F, hu l-konvenut u martu Daniela u talbu lill-attrici biex turihom it-tifla. L-attrici tghid li hi disposta turihom it-tifla kull meta jghidulha.

Daniela, mart Mark, qaltilha li l-konvenut ghandu zewgt itfal minn mara ohra li jisimhom Skye u Troy. Il-konvenut u huh ma jitkellmux.

Fis-seduta tal-4 ta' Lulju 2014 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju,[3] l-attrici pprezentat sitt ritratti u kkummentat dwarhom. Fir-ritratti jidher il-konvenut mat-tarbija u mal-attrici, fil-Knisja tal-Kuncizzjoni ta' Bormla fl-okkazzjoni tal-maghmudija, ritratt iehor li ngiebet waqt r-riceviment tal-maghmudija ghand omm l-attrici, gewwa Bormla u zewg ritratti li juru lill-konvenut bit-tifla ix-Xatt ta' Wied il-Ghajn.

L-attrici tghid li xi erba' xhur wara l-maghmudijja l-konvenut sparixxa u ma rathux izjed, ghalkem taf li jghix hawn f'Malta.

---

[2] Fol 25.
[3] Fol 30

Is-Surpretendent Martin Bayliss ghall-**Kummissarju tal-Pulizija** b'nota pprezentata fit-30 ta' Gunju 2014,[4] iddikjara li l-konvenut ilu ma jghix fl-ahhar residenza fejn kien irregistrat ghal dawn l-ahhar hames snin u minn informazzjoni ohra rrizulta li l-konvenut telaq definittivament minn dawn il-Gzejjer.

**Anita Hagerty,** omm il-konvenut, xehdet fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2015, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.[5] Hi ddikjarat li ma kinitx taf lill-attrici li kienet prezenti ghas-seduta. Hi ghandha tlett subien, D Michael, Mark u Simon. Hi taf li binha D Ekellu tifla li jisimha C li qatt ma rrikonoxxa. Hi gharfet lill-binha li kien jidher fir-ritratti ezebiti, kif ukoll lill-attrici. Iddikjarat li binha il-konvenut ma jghix maghha, ma tafx fejn joqghod u ma jiltaqghux ta' spiss, xi darba kull xahrejn. Hi tghid li kellhom xi jghidu u li Eghalkemm ma zzewwigx ghandu familja. Hu kellu erbat itfal minn relazzjonijiet ohra, tlieta mill-istess mara u wild iehor minn mara ohra. Hu illum ghandu 36 sena. Hu kien joqghod ghand missieru, Lino, il-Mellieha, pero' ma tahsibx li ghadu jghix hemm. Hi u zewgha Lino ma jitkellmux.

Shaun Meli, ghad-**Dipartiment tas-Sigurta' Socjali**,[6] iddikjara li l-I.D. Card tal-konvenut hi 482897(M) u mhux 13825A kif indikat fit-tahrika u fir-rikors guramentat. Hu ddikjara li ma jirrizultax li l-konvenut kien qed jircevi xi beneficcji socjali mid-Dipartiment u ezebixxa Dok SM1 li juri l-beneficcji li rceva fil-passat. L-ahhar beneficcju li rceva kien fl-10 ta' Ottubru 2009 li kien beneficcju ghall-mard.

Savio Borg, ghall-**Kummissjoni Elettorali,**[7] iddikjara li l-I.D. Card number prezenti tal-konvenut hu 482897(M) u mhux 13825A.

F'Ottubru 1998 kien jidher bl-I.D.Card number 13825A u kellu l-indirizz Block A1, Flat 4, Qasam ta' Pennellu, Mellieha. F'April 1999 baqa' fl-istess indirizz pero' bl-I.D. Card number 482897(M) u baqa' hekk registrat sa Ottubru 2001.

Fir-Registru ta' April 2002 sa April 2006 kien registrat fl-indirizz Palazzo Cospicua, 27, Triq Erin Serracino Inglott, Bormla.

F'Ottubru 2006 beda jidher fl-indirizz 42,Triq is-Salib, Naxxar.

Joseph Saliba, ghall-**Employment and Training Corporation,**[8] ipprezenta l-Employment History tal-konvenut.

---

[4] Fol 33.
[5] Fol 48.
[6] Fol 83.
[7] Fol 84.

Ivan Cilia, Principal fl-ufficju legali tad-**Dipartiment tas-Sigurta' Socjali**, xehed fis-seduta tal-14 ta' April 2016,[9] u pprezenta dokument li gie market Dok DSS1 li minnu jirrizulta li l-konvenut bejn il-21 ta' Marzu 2002 u l-5 ta' Frar 2008 kien registrat fl-indirizz Palazzo Cospicua, 27 Triq Erin Serracino Inglott, Bormla. Bejn is-6 ta' Frar 2008 u d-19 ta' Ottubru 2015 kien registrat fl-indirizz 42, Triq is-Salb, Naxxar, u mill-20 ta' Ottubru 2015 hu registrat fil-fond 3, Alley 4, Triq it-Torri, Mosta.

Joseph Saliba, ghal **Jobsplus**, xehed fis-seduta tad-29 ta' Marzu 2017, [10] u pprezenta Dok JB1, l-Employment History tal-konvenut u Dok JB2 ir-Registration History tal-konvenut. Jirrizulta li l-ahhar impieg li kellu, sal-15 ta' Marzu 2017, kien bhala driver mal-Kumpanija Carin Construction Limited.

**Il-Marixxal Ivan Spiteri Bianchi,** xehed fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2017 dwar r-riferta tieghu meta mar biex jinnotifika lill-konvenut bil-Mandat ta' skorta.[11] Fil-15 ta' Marzu 2017 hu kien mar fil-post numru 3, Sqaq it-Torri numru 4, Mosta. Hu kien sab lil Alfea Scerri li qaltlu li ma ghandha l-ebda kommunikazzjoni mal-konvenut u li l-konvenut kien jghix hemm izda ma ghadhux.

**Il-Marixxal Charles Buttigieg** xehed fl-istess seduta,[12] u ddikjara li l-partner tal-konvenut, Alfea Scerri rrifjutat li taccetta il-karta ghalih ghax gieli tela il-Qorti ghal xejn. Ix-xhud fehem li l-konvenut kien joqghod hemm u li jekk Alfea Scerri taccetta l-karta ghalih tista' tispicca vittma ta' vjolenza minn naha tieghu.

Dwar in-notifika tal-istess Alfea Scerri biex tixhed dik n-nhar stess fil-kawza, x-xhud ikkonferma li wissieha li jekk ma tmurx tista' tigi arrestata.

James Mallia, ghall-Kumpanija **Carin Construction Limited** xehed fl-istess seduta.[13] Hu ddikjara li l-konvenut kien impjegat maghhom mit-28 ta' Novembru 2016 sal-15 ta' Marzu 2017, u rega' dahal jahdem maghom fis-17 ta' April 2017 fejn kien ghadu qed jahdem. Mid-dokumenti jirrizulta li meta ttermina l-impieg fil-15 ta' Marzu 2017, r-raguni li nghatat kienet li mar jahdem band'ohra. F'April l-konvenut kien rega' mar jistaqsi ghall-impieg u peress li l-post tieghu kien ghadu vojt , rega' gie impjegat bhala driver. Dawn jibdew x-xoghol fis-6.30 am u jiltaqghu il-garage

---

[8] Fol 85.
[9] Fol 112.
[10] Fol 150.
[11] Fol 190.
[12] Fol 193
[13] Fol 196.

fejn ikun hemm id-Direttur, Samuel Bugeja li jqassam x-xoghol. Jispiccaw xi 3.30pm.

Ix-xhud qal li ma tantx jaf lid-drivers peress li x-xoghol tieghu hu fl-ufficcju, lill-konvenut jafu ghax kull hmistax jmur ghall-paga.

L-unika darba li ra xi Marixxalli fuq il-post kien meta rceva karta biex jmur il-Qorti dik n-nhar stess.

Mill-verbal registrat fis-seduta tal-25 ta' Mejju 2017 jirrizulta li l-konvenut ittiehed dik in-nhar stess mill-Marixxalli tal-Qorti fil-klinika ta' Dottor Marisa Cassar u ttiehdu l-kampjuni ghall-finijiet tat-test tad-DNA.

Dottor Marisa Cassar ipprezentat l-affidavit u r-rapport taghha fl-1 ta' Settembru 2017.

Hi ddikjarat li gabret l-kampjuni orali ta' A B, ta' C B u ta' D EF biex jsiru t-testijiet tad-DNA u rrizulta li l-konvenut D EF hu l-missier naturali ta' C B.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

L-attrici qed titlob li l-konvenut D EF jigi dikjarat li hu il-missier naturali ta' bintha C li twieldet fis-6 ta' Awwissu 2000.

Il-konvenut D EF baqa' kontumaci.

L-attrici qed tipprocedi b'din il-kawza fit-termini tal-**Artikolu 86A (1) tal-Kap. 16,** li jghid hekk:

" L-omm ta' iben imnissel jew imwieled barra miz-zwieg li ma jigix maghruf mill-missier, u dak l-istess tifel, jistghu f'kull zmien iressqu talba gudizzjarja biex tigi stabbilita l-paternita' tat-tifel u biex il-Qorti tordna r-registrazzjoni ta' dik il-paternita' fl-atti tal-istat civili relattivi."

Dwar l-eccezzjoni preliminari tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, jigi rilevat li b'rikors ipprezentat fl-10 ta' Awwissu 2016,[14] l-attrici talbet li tigi nominata kuratrici 'ad litem' ta' bintha il-minuri C. Din it-talba giet milqugha b'digriet ta' din il-Qorti

[14] Fol 125.

tal-31 ta' Awwissu 2016. Dwar il-kunjom tal-minuri, l-attrici, b'nota pprezentata fl-20 ta' Mejju 2014,[15] talbet illi mad-dikjarazzjoni ta' paternita' bintha tiehu l-kunjom "F B".

L-**artikolu 70A tal-Kap 16** jittratta dwar parentela naturali. Is-subincis (2) tal-istess artikolu jghid hekk:

"Meta jsir ir-rikors imsemmi fis-subartikolu (1) minn persuna li ghandha d-dritt tikkjarifika, il-Qorti Civili(Sezzjoni tal-Familja) tista' tehtieg lil kwalunkwe wiehed mill-konjugi, lill-wild, u lill-allegat genitur naturali, kif ikun il-kaz, sabiex jaghtu il-kunsens taghhom ghal test genetiku dwar il-parentela u li jaccettaw li jittehdilhom kampjun genetiku xieraq ghat-test skont id-dispozizzjonijiet tal-ligi vigenti:

Izda fejn l-imsemmi kunsens ma jinghatax mill-partijiet il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ghandha tissosstitwixxi dak il-kunsens li ma nghatax u ghandha tordna li jittiehed il-kampjun necessarju."

L-**artikolu 100A tal-Kap 16** li jittratta dwar prova genetika jipprovdi:

"F'kawzi li ghalihom jaghmel referenza dan is-Sub-Titolu, il-Qorti tista', minghajr hsara ghal kull prova li jistghu jgibu l-partijiet skont il-ligi, tehtieg lill-partijiet biex jissottometu ghal ezamijiet kif imsemmija fl-artikolu 70A, u fl-istess mod u fl-istess cirkostanzi".

Fil-kaz in ezami, l-Qorti b'digriet moghti 'seduta stante' fil-11 ta' Ottubru 2016,[16] ordnat li jsiru it-testijiet xjentifici fuq A B ID 376079M, fuq D EF ID13825A u fuq il-minuri C imwielda fis-6 ta' Awwissu 2000 u nnominat li Dottor Marisa Cassar biex tikkonduci dawn t-testijiet.

B'Digriet moghti fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2017,[17] il-Qorti ordnat lill-konvenut D EF li jattendi fil-klinika ta' Dottor Marisa Cassar ghall-finijiet li jigu prelevati kampjuni ghall-finijiet tad-DNA u f'kaz li jonqos li jattendi, jigi akkompanjat ghal dan il-fini mill-Marixxalli tal-Qorti u jekk hemm bzonn bl-assistenza tal-Pulizija.

[15] Fol 22.
[16] Fol 127.
[17] Fol 137.

B’verbal registrat fis-seduta tal-25 ta’ Mejju 2017,[18] il-Qorti giet infurmata li dik in-nhar fil-ghodu, il-konvenut D EF ittiehed mill-Marixxalli tal-Qorti fil-klinika ta’ Dottor Marisa Cassar u ttiehdu il-kampuni ghall-finijiet tat-test tad-DNA.

L-affidavit u r-rapport ta’ Dottor Marisa Cassar gew minnha pprezentati u kkonfermati fl-1 ta’Settembru 2017.[19] Il-konkluzjonijiet taghha ma jhallu l-ebda dubbju li l-konvenut D EHagerty ID 482897M hu il-missier naturali ta’ C B ID 289300L.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti qed taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tiddisponi mir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur konformement ma' dak hawn deciz u fil-kontumacja tal-konvenut D EF;

1. Tilqa’ l-ewwel talba tal-attrici u tiddikjara li l-konvenut D EHagerty (karta ta' l-identita' numru 482897M) hu l-missier naturali ta’ C B imwielda fis-6 ta' Awwissu 2000.

2. Tilqa’ in parte t-tieni talba tal-attrici u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku li jinserixxi fic-certifikat tat-twelid ta’ C, Att numru 2893/2000 d-dettalji u l-konnotati personali tal-konvenut D EF kif indikati fit-tieni talba hlief li l-karta ta' l-identita' tal-missier tkun taqra 482897M.

3. Tordna li l-minuri tkun maghrufa bil-kunjom "F B".

Bl-ispejjez kontra l-konvenut D EF.

**Imhallef** **Deputat Registratur**

[18] Fol 213.
[19] Fol 220.